XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 437***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 65***
***L-Erbgħa 29, ta' Frar 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr Marthese Portelli -- Kunsillier*

--------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Bini fiz-Zona Industrijali fl-art li kienet riservata għal Kunsill**

   Għal laqgħa kien preżenti John Saliba li nforma lill-Kunsill li kien qed isir xi bini fil-buffer zone bejn iz-zona industrijali Triq Santa Elizabetta. Is-smiegħ tal-MEPA tal-applikazzjoni numru: 1931/11 ser isir fid-9 ta' Marzu l-MEPA Malta. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jqabbad il-Perit Bianco fuq dan il-kaz. Kien hemm qbil li għandha issir ittra lil MEPA u oħra lil Malta Enterprise minħabba li kien qed issir xogħol fil-buffer zone meta dawn ma kellhomx permess jagħmlu dan u meta kien hemm il-ftehim mal-Malta Enterprise li din l-art kienet riservata bhala buffer zone u għall-uzu esklussiv tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku għalhekk ser tkellem lil Perit Biancio biex jidher f'isem il-Kunsill quddiem il-board tal-MEPA.

2. **Il-Fidwa 2012**

   Il-Kunsill qiegħed jagħmel il-posters ta' din l-attivita' fejn gie ukoll deciż li jsiru posters ta' daqs kbir għal reklamar barra fuq canvas. Gie diskuss li l-peat irid ikun kollu imferrexx sa qabel l-attivita'. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li hi tkellmek ma' l-Arċipriet rigward il-fjakkulata u s-suldati. Gie ukoll diskuss waqt il-laqgħa l-bzonn li għandha issir gate fil-Gnien ta' Blankas peress li qed issir ħsara lill-Kalati (curt ruts) b'certu makkinarju li qed jiddaħħal fil-Gnien, minn terzi mhux awtorizzati u minghajr permess tal-Kunsill.

**3. Trasport**

Il-Kunsill fetaħ il-kwotazzjonijiet għas-servizz tat-trasport fl-inħawi magħrufa Ta' Ħanzira. Kien hemm tlett kwotazzjonijiet ta' minibuses dawn kienu:-

**Raphel Axiaq**

| | |
|---|---|
| 22 seater | 14 seater |
| €30 vat included (2way) | €25 vat included (2 way) |

**Ennio Farrugia**

| | |
|---|---|
| 33seater | 18seater |
| €34 vat included (2way) | €28 vat included (2 way) |
| Euro 5 emission | euro 5 emission |

**Carmel Sultana**

| | |
|---|---|
| 27 seater | 16seater |
| €47.20 vat included (1 way) | €35.40 vat included (1 way) |

Il-Kunsill għazel il-Kwotazzjoni ta' Ennio Farrugia – 18 seater bi prezz ta €28, peress li din hija wkoll green bus skond l-istandard euro 5 emission. Dan ifisser li se nagħtu servizz b'inqas tniggis fl-arja.

Il-Kunsill iddeċida li ser jibda dan is-servizz mit-12 ta' Marzu 2012. Se jinħargu l-avvizi mal-bullettin biex jiġu avzati r-residenti. Il-Kunsill ser jagħmel avvizi ukoll fuq ir-radio u ġol knisja. Ma dan is-servizz ser ikun hemm ħaddiem mill-kunsill li ser jaqta' l-biljetti. Dawn ser ikunu 50cents lil dawk bil-karta anzjan u €1 l-oħrajn. Il-Kunsill iddeċida li ser jagħmel arma tal-Kunsill fuq il-minibus biex ikun jidher li dan is-servizz hu provdut mill-Kunsill.

**4. Proġett tat-TM:** Triq l-Imgarr

Il-Kunsill sar jaf li l-Pjanta ta Triq l-Imgarr reġgħet inbidlet u r-roundabout li l-Kunsill kien talab li ssir ħdejn iz-zona tal-Barmil mhux ser issir. Minflokha ħareġ

permess tal-MEPA biex issir T-junction. Il-Kunsill iddecieda li għandna nerġgħu niktbu lil TM biex issir applikazzjoni ta minor amendment sabiex issir ir-roundabout.

**5. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

**6. Ilmenti u Suġġerimenti**

Il-Kunsill qed jirċievi ilmenti biex jitrangaw bankini. Is-Segretarja ser iccempel lil ta' IPSL biex tara jekk hemmx xi ħaddiema li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

Il-kunsill irċieva ilment rigward yellow lines fi Triq Canga fil-kantuniera ta' fejn hemm l-għalqa li dan l-ahhar ddawret b'ħajt. Il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment lil TM.

Il-Kunsillier Hubert Saliba gibed l-attenzjoni li d-dwal tal-Latrina fi Triq il-Ħamrija mhux jixgħelu u anke il-fanali ta' fuq il-ġibjun. Is-Segretarja ser tiehu hsieb iccempel lil min hu inkarigat, biex issir il-manutenzjoni mehtiega.

**7. Jum il-Mara**

Fl-okkazzjoni ta' Jum il-mara fit-8 ta' Marzu l-Kunsill iddecieda li jtella' attivita'. Din ser tkun Maratona ta' Sbuħija. F'din l-attivita' ser jiġu offruti diversi servizzi fosthom blowdrys, zebgħa tax-xagħar, French manicures u facials. L-attivita' ser issir l-MCAST bil-kollaborazzjoni tas-Surmast, l-istaff u l-istudenti tal-kors tal-Hairdressing. Is-servizzi ser ikunu offruti b'xejn izda b'talba li min jiehu servizz jagħti donazzjoni ta' 5euro li ser jinġabru għal Community Chest Fund. Waqt l-attivita' ser titqassam l-warda li tfakkar din l-okkazzjoni u ser jingħataw xi bibiti.

**8. Kors Youth Empowerment Programme**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar il-progett Empower li ser isir flimkien ma' l-Agenzija Zghazagh minn fondi Ewropej. Il-Kunsill ser johrog l-applikazzjonijiet ghal 6 lezzjonijiet kull kors. Il-kors ser jibda nhar il-Gimgħa 23 ta' Marzu fil-Kunsill. L- avvizi ser isiru mal-bullettin. Ser isiru ukoll posters kbar fil-hwienet u lill-ghaqdiet kif soltu jsir.

**9. Il-Park Regjonali ta' Mgarr ix-Xini fil-Gozo Week.**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li giet avvicinata mill-organizzaturi tal-Gozo Week li ser issir fl-Universita' ta' Malta f'April biex intellghu Wirja dwar il-Park Regjonali ta' Mgarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel li ghandna niehdu sehem f'din l-attivita' li se tghin biex inkabbru l-gharfien tal-pubbliku dwar dan il-progett u s-sejbiet importanti li saru permezz ta' dan il-progett.

## 10. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fid-10:00p.m. Il-Kunsill iffissa data għall-Laqgħa li jmiss nhar l-Gimgħa 23 ta' Marzu fis-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |